**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

Kump Nru 2/2023.

**Il-Pulizija**
(Spett.Bernard C. Spiteri)

Vs

**Jean Claude Hili**

**Illum, 20 ta' Lulju, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-Akkużi miġjuba kontra **Jean Claude Hili** ta' 28 sena, iben Marco u Nathalie neè Conti, imwieled il-Pietà nhar it-2 ta' Jannar 1995, u residenti Ta Pennellu, Block A4, Flat 1A, Triq il-Muna, Mellieħa detentur tal-karta tal-identità bin-numru 14795M u akkużat talli fl-4 ta' Frar 2023, għall-ħabta ta' 12:00pm u fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa r-residenza Block F, Door A, Flat 8, Triq taċ-Ċawla, Rabat, Għawdex u/jew f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommettejt serq ta' flus kontanti u oġġetti oħra li l-valur tagħhom jaqbeż aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda hu inqas minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) liema serq hu kwalifikat bil-valur u dan għad-dannu ta' Romina Cuschieri;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi volontarjament ikkaġunajt ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna tas-sieħba tiegħek Romina

Cuschieri, skond ma ċertifika Dr J. Galea M.D. (Reġ Nru 2682) mill-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bl-imġieba tiegħek ikkaġunajt lis-sieħba tiegħek Romina Cuschieri biża’ li ser tintuża vjolenza fuqha jew fuq il-propjetà tagħha;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi għamilt inġurji jew theddid bi kliem jew b’xi mod ieħor lis-sieħba tiegħek Romina Cuschieri;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi inqast li tosserva jew ksirt xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqek b' Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni nħarġet b’digriet maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D. nhar it-23 ta' Novembru 2022 fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' Romina Cuschieri għal perjodu ta' ħames snin jew sentenza finali;

U aktar talli nhar l-4 ta’ Frar 2023 f’diversi ħinijiet bejn l-4 ta’ filgħaxija u s-7 ta’ filgħaxija u fil-ħinijiet ta’ qabel, waqt li kont qiegħed ġewwa l-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex, fir-Rabat, Għawdex u’jew f’dawn il-Gżejjer:-

6. Attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioè PS 1462 Joseph Attard, PS 364 David Borg Grima, PC24 Joseph Galea u PC 1053 Michael Falzon filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioè PS1462 Joseph Attard u PS 364 David Borg Grima waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jindluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġunajt offiża ħafifa fuq il-persuna ta' PS 1462 Joseph Attard, skond kif iċċertifikat mit-Tabib Joseph Vella M.D. mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex,

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġunajt offiża ħafifa fuq il-persuna ta' PS 364 David Borg Grima, skond kif iċċertifikat mit-Tabib Alexander Krynicki M.D. (Reg No. 4908) mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex,

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku,;

12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi u fiż-żmien ta' qabel naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu d'digrieti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D) datat 18 ta' Jannar 2023 u mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D) datat 23 ta' Novembru 2022, li biħ ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija li ma jagħmilx reat ta' natura volontarja kemm idum jibbenefika minn dan il-ħelsien;

13. U aktar talli sirt reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta/Għawdex, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistgħux jiġu mħassra;

Il-qorti kienet ġentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xierqa, tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmija Romina Cuschieri minn issa tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 412Ċ tal-Kodici Kriminali u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

F'każ ta' ħtija il-qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' PS 1462 Joseph Attard, PS 364 David Borg Grima, PC 1053 Michael Falzon, PC24 Joseph Galea, Romina Cuschieri, u l-familji tagħhom u dan ai termini tal-artikolu 382A u 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Jean Claude Hili u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba tittratta dan il-każ bħala Vjolenza Domestika skont il-kapitolu 581.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2023, l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontriħ ħlief għall-ewwel akkuża, li ddikjara li mhux ħati tagħha.

Rat illi fis-seduta tal-lum, l-akkużat reġa tenna l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu għall-akkużi kollha dedotti kontrieħ, b'eċċezzjoni ta' l-ewwel akkuża, li reġa tenna li mhux ħati tagħha;

Rat id-dokumenti kollha;

Rat il-provi;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi rigward l-akkużi numru tnejn (2), tlieta (3), erbgħa(4), ħamsa (5), sitta (6), sebgħa (7), tmienja (8), disgħa (9), għaxra (10), ħdax (11), tnax (12) u tlettax (13) il-Qorti ftit għandha xi tgħid ħlief li hija m'għandha ebda raġuni għalfejn tiddubita mill-volontarjetà u l-ispontanjetà tal-ammissjoni tiegħu u b'hekk, abbażi

ta' din l-ammissjoni, il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li ssib lill-akkużat ħati ta' dawn l-imsemmija akkużi;

Illi fir-rigward tal-ewwel akkuża il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel evalwazzjoni tal-provi miġjuba quddiema.

Illi Romina Cuschieri xehdet illi hi u l-akkużat kellhom xi jgħidu u ħadilha l-flus. Qalet li kellha madwar €650 li kienu fil-but. Qalet li l-flus sellifhomla ċerta Terence Zammit u kienet se tmur taħsillu.

Xehed ukoll Terence Zammit li qal li kien sellef €700 lil Romina Cuschieri biex jgħinha tħallas il-kera. Hu ma ftakarx meta sellifhomlha. Hu ma ftakarx meta tahomlha u qal li jidhirlu li kienu karti "kbar". Qal li għamlu kuntratt ta' self dwar din is-somma u li kopja tiegħu għaddiha lill-pulizija.

L-akkużat, da parti tiegħu, xehed illi l-flus li nstabu fuqu huma tiegħu u li kienu paga li rċieva għal xogħol li kien għamel. Mill-verżjoni mogħtija mill-parte ċivile Romina Cuschieri a tempo vergine lill-pulizija, hija qalet li hekk x'ħin marret id-dar tagħha, l-akkużat staqsiha mal-ewwel biex ittiħ il-flus, li kienu ġewwa envelope ġol-ġakketta tagħha.

Illi mill-irċevuta preżentata mill-prosekuzzjoni jirriżulta li fuq persunt' l-akkużat instabu tnax-il karta tal-ħamsin Ewro u żewġ karti tal-għoxrin Ewro. Di più, il-prosekuzzjoni ma ppreżentat ebda kuntratt ta' self rigward din is-somma. Illi fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova illi l-flus mislufa minn Terence Zammit lil Romina Cuschieri kienu l-istess flus li l-akkużat allegatament ħa mill-pussess ta' Romina Cuschieri. Filfatt, Terence Zammit ma setax jiftakar id-data ta' meta sellef dawn il-flus u anke d-denominazzjoni tal-flus ma taqbilx għaliex filwaqt li Zammit xehed li l-flus kienu "kbar", il-flus misjuba kienu tal-€50 u tal-€20, denominazzjoni li llum-il ġurnata ma jitqiesux bħala "kbar".

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li din l-ewwel akkuża ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti tara li r-reati li tagħhom irreġistra ammissjoni l-akkużat huma reati li twettqu kontra uffiċjali pubbliċi waqt il-qadi ta' dmirhom u propju għaliex kienu qegħdin iwettqu dmirhom. Huwa inaċċettabbli għall-Qorti li persuna tisfa aggredita sempliċiment għax qed twettaq xogħolha. Din l-aggressjoni hija aktar serja meta wieħed iqis li x-xogħol tal-pulizija huwa propju dawk li jaċċertaw is-sigurtà tas-soċjetà u l-persuni li jeħtieġu l-għajnuna tagħhom. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti tqis li piena karċerarja hija waħda ideonea.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 49, 50, 95, 96, 214, 221, 222, 251B, 338(dd), 338(ee), 339(1)(e), 412Ċ(11) u 579(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni tiegħu, qed issib lil **Jean Claude Hili <u>ħati</u>** tal-akkużi numru tnejn (2), tlieta (3), erbgħa(4), ħamsa (5), sitta (6), sebgħa (7), tmienja (8), disgħa (9), għaxra (10), ħdax (11), tnax (12) u tlettax (13) u tikkundannaħ għal żmien **sentejn (2)** priġunerija effettiva filwaqt li qed tilliberaħ mill-bqija tal-akkużi.

Fid-dawl ta' dan is-sejbien ta' ħtija u ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna illi:

- is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) għandhom jitħallsu mill-garanzija personali imposta fuqu fid-Digriet tal-Għoti tal-Ħelsien mill-Arrest tat-18 ta' Jannar 2023 erogat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Monica Vella;

- is-somma ta' elf Ewro (€1,000) għandhom jitħallsu mill-garanzija personali imposta fuqu fid-Digriet tal-Għoti tal-Ħelsien mill-Arrest tat-23 ta' Novembru 2022 erogat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Maġistrat Dr. Leonard Caruana,

biex b'kollox, is-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000) għandhom jiġu mħallsa mill-ħati. Il-Qorti qed tiċħad it-talba tal-prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Jean Claude Hili.

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' PS 1462 Joseph Attard, PS 364 David Borg Grima, PC 1053 Michael Falzon, PC24 Joseph Galea, Romina Cuschieri, u l-familji tagħhom għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-iskadenza jew maħfra tal-piena mogħtija b'din is-sentenza u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

**Dr Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**